XGĦAJRA

Minuti tal- laqgħa Nru.35 (Ħamsa u Tletin) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill l- Erbgħa, 18 ta' Lulju ,2012 fis-4.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Il-Kunsilliera | Buhagiar Mario |
| | Buttigieg Antonia |
| | Decelis M Claire |
| | Azzopardi Joseph (Skużat) |

**L-Uffiċċjali:**

Is-Segretarju Ranier Busuttil

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti minbarra Joseph Azzopardi li kien skużat.

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija w approvati. .

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-laqgħa ta' qabel:

3.1 Is-Sindku tkellem fuq l-impjant ta' l-SSTP u qal li bħalissa t-trasport tas-sludge għadu jkun jinten huwa u ġej lura bil-vojt, pero' ġejna mwegħda illi l-quddiem ser jibda jsir bin-nies tagħhom stess u mhux bil-kuntrattur. Is-Sur Valvo kompla u qal li hemm xi problemi fl-impjant bħalissa imma qishom mhux jinfurmawna b'kollox.

Il-Landscaping ta' madwar l-impjant jidher li għad hemm il-MEPA li għadha m' approvatx il-permess, pero' issa appik li jgħidulna li dan ġie apporvat

3.2 Is-Sindku tkellem fuq Triq San Leonardu u qal li issa hija kwazi lesta u ġiet tiswa €410,000.

3.3 Is-Sur Valvo tkellem fuq is-servizz tal-karozza tal-linja. Huwa tkellem fuq il-petizzjoni li saret minn xi residenti, fuq ir-rotta Nru 3 li kienet tgħaddi minn Bormla. Il-Kunsill għadda din il-petizzjoni lill-Transport Malta u lill-Ministeru. Dawn indikaw li minn statistika li għandhom jirriżulta li approx 10 persuni f'xi ġranet jagħmlu użu minn Nr 3 mix-Xgħajra għal Kottonera u lura, pero' kien hemm petizzjoni b'lista kbira ta' 250 nies li oġġezzjonaw li dan is-servizz twaqqaf. Ġejna avżati li fil-waqt li twaqqfet ir-rotta Numru 3 mix-Xgħajra issa hemm ir-rotta 94 mix-Xgħajra għal Belt kull nofs siegħa li tassal il-belt f'inqas żmien u hemm ukoll ir-rotta Numru 124 min Marsascala għal Bormla kull siegħa li tmur u lura mill-venda ta' Ħaż-Żabbar. Qallulna wkoll li kien hemm ħafna lmenti sabiex ir-rotot għal belt jiġu lura kif kienu qabel is-servizz ta'l-Arriva u jmorru dritt minn ġo Ħaż-Żabbar.

Complaints oħra kienu li l-karozzi qegħdin jieqfu għal 5 jew 10 minuti fuq l-istage jistennew isir il-ħin u bil-karozzi startjati. Dawn il-complaints saru speċjalment minn nies li joqgħodu fejn il-knisja. Għalhekk tkellimna mat-TM u ridna nsibu post ieħor fejn tal-linja tista' tibqa' wieqfa tistenna bħala bus terminus mingħajr ma tkun t' inkonvenjent għar-residenti. Ġejna avżati li d-drivers huma nformati sabiex ma' jieqfux fuq bus stops ħlief biex jitilgħu u jinżlu n-nies.

Complaints oħra fuq ir-rotot nru 120 u 94 huma li qedgħin jaslu x-Xgħajra flimkien minħabba li għandhom l-istess ħinijiet u għalhekk issuġġerejna li jkollhom imqar 15 il-minuta bejniethom.

3.4 Is-Sindku qal li hu u s-Segretarju Eżekuttiv irrispondew l-Management Letter fejn din kellha ħafna Accounting Disclosures fejn l-NAO qedgħin ikunu riġidi ħafna.

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda – Korrispondenza:-

4.1 Mobile Post Office– Is-Sindku qal li għadna qed nistennew risposta għalhekk issuġġerixxa li nerġgħu nibgħatulhom reminder.

4.2 Is-Sindku qal li kellu meeting mad-Direttur il-ġdid ta' Smart City Malta fejn assistew għal problema li qiegħed ikollna bħalissa fejn il-kuntrattur li qiegħed jikkraxxja l-ġebel biex jagħmlu żrar qiegħed joħloq trab bkir u qedgħin ibgħatu r-residenti tal-madwar. Għalhekk ġie miftiehem li meta speċjalment ikun ir-riħ ma jaħdmux. Is-

Sindku qal li għar min hekk l-impjant li qed jaħdmu fih qiegħdin ibiegħu il-materjal għal barra minn hemm ukoll għaliex jidhru xi trakkijiet mgħobbijin ħerġin mill-impjant.

4.3 Is-Sur Valvo tkellem fuq il-barge u qal li l-problema għada l-istess. Illum rega' ġara l-istess fejn ħattew kważi bi dritt Triq il-Fortizza tal-Grazzja.

5. Item Nru 5 fuq l-aġenda: L-infieq għax-xhar ta' Ġunju, 2012 ġie approvat.

6. Item Nru 6 fuq l-aġenda: Proġett – Recreational/Sports Centre

6.1 Ġew irrilaxxjati l-aħħar tranch ta' €36,000 u l-kont li rċevejna kien fih ħafna variations.

Bħalissa għandna 4 skemi outstanding pero' għadhom mhux approvati. Is-Sindku qal li ltaqa' mas-Sur Charles Bonello u tkellem miegħu fuq dawn l-iskemi. Is-Sur Bonello qallu li għadhom mhux mifthema. Is-Sindku bagħtlu wara u qallu li x-Xgħajra qatt m'applikajna għal skemi għalhekk għandu jkollna preċedenza fuq Kunsilli oħra li ilhom jieħdu minn dawn il-flus għal ħafna żmien.

Is-Sindku qal li tkellem ukoll u bagħat lill-Prim Ministru fuq dan ir-rigward.

Dan il-proġett huwa tant għal qalb il-Kunsill tax-Xgħajra sabiex ir-residenti jkollhom post fejn jimirħu u mportanti li nlestuh sa' l-aħħar. Kif tkellimna fil-laqgħa li għaddiet jekk inkunu wasalna fi stat li mhux ser inlaħħqu nitolbu d-Dipartiment sabiex napplikaw għal-Loan minn Bank kummerċjali. Kulħadd qabel ma' dan unanimament.

Is-Sindku qal li l-Belveder lest, il-Bandli lesti nxtraw u qedgħin maħżunin għand il-kuntrattur pero' għad irridu l-flooring biex jiġu mwaħħlin fuqu u ma' nistgħux nagħmlu dan qabel ikollna aċċess tajjeb u mingħajr periklu.

XGĦAJRA

**Security Fencing mal-Proġett** – Is-Sindku qal li tkellem mas-Sur Chris Ciantar tal-Ministeru fejn talbu li jiffinanzja dan il-fencing pulit madwar il-proġett. L-għada ġie ħaddiem tal-Works Deptartment biex jara x-xogħol pero' qallu li ma jagħmlux dak it-tip ta' fence. Is-Sindku qal li rega' tkellem mas-Sur Chris Ciantar u qallu biex ikellem lil min kien ġie sabiex jaraw kif jagħmlu xi ħaġa simili mhux bilfors eżatt.

Is-Sindku qal li issa rridu noħorġu tenders għal madum u l-aluminium.

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Se jkun hemm BBQ fil-21 ta' Lulju u jidher li se jkun hemm konkorrenza tajba,

7.2 Għanda l-ħsieb li ssir attivita' fl-aħħar tas-sajf fix-xatt tax-Xgħajra.

.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

.

8.1 Is-Sindku semma' li dan l-aħħar kellna problema bill-kennies il-ġdid għax għadu ma derax ir-raħal u tkellimna wkoll m'Elaine Bezzina tal-kuntrattur fejn fehmniha li jekk hemm bżonn jiġi xi ħadd ieħor miegħu sakemm jidra.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda – Ġemellaġġ

9.1 Is-Sur Valvo qal li għandna konferma mit-Taljani li ser ikollna rimbors ta' parti mill-flights ta' €1,500

10. Item Nru 10 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

10.1 ATM- Is-Sindku qal li ġew mill-APS u laqgħu it-talba tagħna u qiegħdin jikkunsidraw li ssir fejn id-Disma.

10.2 Is-Sur Valvo qal li issa li beda' s-sajf ser jibdew jiġu l-Pulizija fil-weekends bħala patrol. Dan kien ikkonfermat mill-Kummissarju s-Sur John Rizzo.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

11.  Item Nru 11 fuq l-Aġenda - Aġġornament

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal-Erbgħa, 22 t'Awissu 2012, fis-6.00pm

, .

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt